



IT-TWEGĠBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL- QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

dwar it-trasparenza tal-finanzjament li jingħata
mill-UE lill-NGOs

Werrej

I. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR.....	2
II. IT-TWEGIBIET GHAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET.....	3
Rakkomandazzjoni 1 – It-titjib tal-gwida dwar il-klassifikazzjoni ta’ organizzazzjonijiet mhux governattivi.....	3
Rakkomandazzjoni 2 – It-titjib tal-kwalità tal-informazzjoni dwar l-infiq tal-UE fuq is-Sistema ta’ Trasparenza Finanzjarja.....	4
Rakkomandazzjoni 3 – It-tisħiħ tal-verifika tal-konformità mal-valuri tal-UE.....	5
III. IT-TWEĠIBIET GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET.....	6
1. L-attivitajiet ta’ promozzjoni tal-NGOs li jirċievu finanzjament taħt il-programmi tal-Unjoni.....	6
2. Id-divulgazzjoni tal-attivitajiet ta’ promozzjoni tal-NGOs iffinanzjati permezz ta’ għotjiet operattivi.....	7
3. Ir-rispett għall-valuri tal-UE u t-trasparenza pubblika.....	7

Dan id-dokument jippreżenta t-tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-osservazzjonijiet ta’ Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, f’konformità mal-Artikolu 265 tar-Regolament Finanzjarju, u għandu jiġi ppubblikat flimkien mar-Rapport Speċjali.

I. IT-TWEGĠBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR

L-involviment tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE huwa objettiv speċifiku ta' finanzjament ta' diversi programmi tal-UE. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) jirrappreżentaw id-diversità inerenti tas-soċjetà ċivili u jikkontribwixxu għad-difiża u s-salvagwardja tal-valuri tal-UE. Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-eżistenza ta' soċjetà ċivili pluralistika u vibranti u qed tappoġġaha permezz tal-programmi u tal-opportunitajiet ta' finanzjament tagħha.

F'dak li għandu x'jaqsam mar-riċeviment tal-finanzjament tal-UE, l-NGOs mhumiex differenti minn applikanti oħra. Huma soġġetti għall-issodisfar tar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà meħtieġa – is-sempliċi ssodisfar tal-istatus ta' NGO ma jinvolvi l-ebda trattament preferenzjali, u lanqas ma huwa kriterju ta' eliġibbiltà fih innifsu, għajr ftit każijiet speċifiċi ħafna. Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda indikazzjoni li l-istatus ta' NGO jikkorrelata ma' riskju speċifiku (jew ogħla) għall-baġit tal-Unjoni, meta mqabbel ma' tipi oħra ta' riċevituri ta' finanzjament tal-UE.

It-trasparenza, f'konformità mar-rekwiżiti legali eżistenti, tibqa' l-prinċipju gwida fil-ġestjoni tal-baġit tal-Unjoni. Ir-Regolament Finanzjarju¹ jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika informazzjoni dwar ir-riċevituri tal-finanzjament tal-UE f'ġestjoni diretta, inkluż meta dawn ir-riċevituri jkunu kkwalifikati bħala NGOs. Din l-informazzjoni hija disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tas-**Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja (STF)** tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, ir-reviżjoni reċenti tar-Regolament Finanzjarju introduċiet dispożizzjonijiet ta' trasparenza aktar ambizzjużi, li se jidhru fis-seħħ mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027. Is-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja mistennija li ssir punt ta' referenza ċentrali li tipprovdi informazzjoni ppubblika dwar ir-riċevituri fil-metodi kollha ta' ġestjoni. B'mod partikolari, mill-2028 'il quddiem, se tiżdied ukoll l-informazzjoni dwar ir-riċevituri tal-finanzjament taħt ġestjoni kondiviża.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrikonoxxiet it-titjib li sar mill-Kummissjoni fir-rigward tat-trasparenza tal-finanzjament tal-Unjoni lill-NGOs wara l-pubblikazzjoni tar-rapport speċjali preċedenti tagħha dwar il-kwistjoni² - affermazzjoni milqugħa mill-Kummissjoni³.

Ir-Regolament Finanzjarju, kif modifikat fl-2024, introduċa d-definizzjoni ta' NGOs li issa trid tiġi applikata mill-Kummissjoni. Ir-Regolament Finanzjarju jintroduċi wkoll il-ħtieġa li fl-informazzjoni tal-applikant għall-għotja ta' ġestjoni diretta jiġi indikat jekk l-entità hijiex NGO. Din id-definizzjoni u dan l-obbligu issa jridu jiġu applikati fil-prattika. Fid-dawl ta' tali Prattika u r-rakkomandazzjoni tal-QEA, il-Kummissjoni se tesplora jekk din id-definizzjoni reċenti ta' NGO għandhiex u tistax tiġi ċċarata aktar.

Fid-dawl tal-aġenda ta' simplifikazzjoni, kif imwiegħda mill-partijiet ikkonċernati u l-koleġiżlaturi, il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll il-benefiċċji ta' tali kjarifika potenzjali kontra r-riskju li jiżdied il-piż amministrattiv fuq l-applikanti għall-finanzjament tal-UE jew fuq is-servizzi tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, din il-kjarifika ma għandhiex tinftiehem bħala tentattiv biex tarmonizza kif Stati Membri

¹ L-Artikolu 38 tar-Regolament Finanzjarju jiġifieri ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni). ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>

² Rapport Speċjali tal-QEA 35/2018: *Trasparenza fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE mill-NGOs.*

³ Ara l-osservazzjoni tal-QEA fil-paragrafu 07.

differenti jiddefinixxu NGOs fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom. Bl-istess mod, għall-ġestjoni indiretta, is-sistemi, ir-regoli u l-proċeduri tal-entitajiet ta' implimentazzjoni jibqgħu applikabbli ladarba l-Kummissjoni tkun ivverifikat li dawn ir-regoli u l-proċeduri jiżguraw livell ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni ekwivalenti għal dak li jiġi pprovdut meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit b'ġestjoni diretta.

Skont ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti, il-Kummissjoni se tesplora aktar il-fattibbiltà li żżid il-frekwenza tal-aġġornamenti fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja fil-kamp ta' applikazzjoni tar-relazzjonijiet u l-impenji kuntrattwali definiti mill-qafas legali applikabbli.

Il-Kummissjoni Ewropea tuża b'mod attiv id-data u l-għodod tagħha, bħas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES)⁴ u Arachne⁵, biex timmaniġġja r-riskji u tipprevjeni l-irregolaritajiet finanzjarji fil-kuntratti u l-għotjiet tagħha. Dawn is-sistemi jiżguraw kontrolli bir-reqqa qabel u matul ir-relazzjonijiet kuntrattwali. Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-iżvilupp ulterjuri ta' għodod għall-valutazzjoni ta' ksur possibbli tal-valuri tal-UE, bl-użu ta' indikaturi tar-riskju li huma affidabbli, oġġettivi u proporzjonati.

Fl-aħħar nett, f'konformità mal-Linji Gwida Politiċi tal-President von der Leyen għall-mandat 2024-2029, u l-Komunikazzjoni reċenti dwar Boxxla għall-Kompetittività⁶ tal-UE, il-Kummissjoni għandha l-għan li trawwem sistema regolatorja bbażata fuq il-fiduċja u l-inċentivi, peress li se tipprijoritizza l-flessibbiltà u s-simplifikazzjoni għas-sħab, l-applikanti u l-benefiċjarji tagħha. Il-Kummissjoni tapprezza u se tikkunsidra kemm jista' jkun possibbli r-rakkomandazzjonijiet ifformulati f'dan ir-Rapport Speċjali. Madankollu, il-Kummissjoni se tibqa' impenjata għal miżuri li jimminimizzaw il-piż amministrattiv u li huma proporzjonati.

II. IT-TWEGĪBIET GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Rakkomandazzjoni 1 – It-titjib tal-gwida dwar il-klassifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi

Il-Kummissjoni għandha tiffaċilità l-fehim u l-applikazzjoni konsistenti tad-definizzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-metodi kollha ta' ġestjoni, billi toħroġ gwida li tiċċara l-kriterji għal:

⁴ Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) - L-għan tal-EDES huwa l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kontra persuni u entitajiet mhux affidabbli li japplikaw għal fondi tal-UE jew li jkunu kkonkludew impenji legali mal-Kummissjoni, jew ma' Istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji oħra tal-Unjoni. Ara: *It-Titolu V, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2* tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 imsemmi qabel.

⁵ Arachne hija għodda tal-IT integrata għall-estrazzjoni ta' data u għall-kejl tar-riskju, żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea. L-objettiv tagħha huwa li tappoġġa lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-verifiki tal-awditjar u tal-kontrolli tagħhom, li tidentifika l-aktar proġetti u kuntratti riskjużi tagħhom kif ukoll ir-riskji potenzjali marbuta mal-proġetti u l-kuntratti kollha tagħhom. Arachne tistabbilixxi bażi ta' data komprensiva ta' proġetti implimentati taħt il-Fondi Strutturali tal-UE, li tkopri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew, iżda wkoll il-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-fondi ġestiti mid-DĠ MARE, DĠ HOME u DĠ AGRI.

⁶ COM(2025) 30 final, "*Boxxla għall-Kompetittività tal-UE*"; ara b'mod partikolari t-Taqsima 2.1.

- **a. "indipendenza mill-gvern" lil hinn mill-prerekwiżit li jkunu entità privata; kif ukoll**
- **b. l-istatus ta' NGO meta l-entità tkun qed taħdem għall-interessi kummerċjali tal-membri tagħha.**

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2025)

Il-Kummissjoni **taċċetta parzjalment** iż-żewġ rakkomandazzjonijiet **1a u 1b**.

Il-kunċett tal-"indipendenza mill-gvern" huwa parti mid-definizzjoni introdotta fir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju fl-2024 (l-Artikolu 2(49)), li issa trid tiġi applikata mill-Kummissjoni fil-prattika. Fid-dawl ta' tali Prattika u r-rakkomandazzjoni tal-QEA, il-Kummissjoni se tesplora kif il-kunċett ta' "indipendenza mill-gvern" għal organizzazzjoni mhux governattiva jista' jiġi ċċarat aktar, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li dan ma għandux iwassal għal aċċessibilità mnaqqsa għall-fondi tal-UE f'xi Stati Membri fejn id-definizzjoni tal-NGOs tista' tvarja (kif rikonoxxut mill-QEA⁷).

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' aġġudikazzjoni tal-UE ma tiddependix mill-issodisfar tal-istatus ta' NGO fil-biċċa l-kbira tal-proċeduri ta' aġġudikazzjoni tal-UE. Ir-rekwiżit ta' dokumenti ta' sostenn addizzjonali mill-applikanti għall-proċeduri kollha ta' aġġudikazzjoni tal-UE jirrappreżenta piż amministrattiv sinifikanti għalihom. Fid-dawl tal-aġenda ta' simplifikazzjoni għall-aċċess għall-finanzjament tal-UE, mitluba mill-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni se timmira li tnaqqas il-burokrazija.

Fir-rigward tas-sottorakkomandazzjoni 1b, il-Kummissjoni se tesplora kif tista' tikkunsidraha.

Fir-rigward tal-faċilitazzjoni ta' fehim u ta' applikazzjoni konsistenti tad-definizzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-metodi kollha ta' ġestjoni, il-Kummissjoni tinnota li f'konformità mal-Artikolu 199(1)(a) tar-Regolament Finanzjarju l-applikanti għall-għotjiet biss huma meħtieġa jiddikjaraw jekk humiex NGO. Fir-rigward tal-ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri, il-Kummissjoni ma għandhiex il-kompetenza li tallinja d-definizzjonijiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li huma soġġetti għal-liġijiet nazzjonali. Fir-rigward tal-ġestjoni indiretta, l-NGOs jistgħu jirċievu finanzjament mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni f'konformità mas-sistemi, ir-regoli u l-proċeduri tas-sħab, ladarba dawn jiġu vvalutati mill-Kummissjoni bħala ekwivalenti għar-regoli tal-Kummissjoni stess għall-protezzjoni tal-baġit, kif hemm iddikjarat fir-Regolament Finanzjarju.

Rakkomandazzjoni 2 – It-titjib tal-kwalità tal-informazzjoni dwar l-infiq tal-UE fuq is-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja

Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni żvelata fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja tkun komparabbli u utli, il-Kummissjoni għandha ttejjeb il-kompletezza u t-tempestività tagħha billi żżid il-frekwenza tal-aġġornamenti u tkopri r-riċevituri tat-tieni livell tal-fondi tal-UE għall-ġestjoni diretta u indiretta.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2029

Il-Kummissjoni **taċċetta parzjalment** ir-rakkomandazzjoni **2**.

⁷ Ara l-osservazzjoni tal-QEA fil-Paragrafu 18, il-Kaxxa 2 u l-Illustrazzjoni 3.

Il-Kummissjoni se tesplora l-fattibbiltà li tippubblika b'mod inkrementali d-data annwali fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja, u għalhekk iżżid il-frekwenza tal-aġġornamenti.

L-informazzjoni dwar "riċevituri tat-tieni livell" ta' fondi taħt il-metodu ta' ġestjoni indiretta se tiġi inkluża fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja għall-programmi adottati skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027 u ffinanzjati minnu, u soġġetta għad-disponibbiltà ta' tali data maħżuna fl-għodda unika għall-estrazzjoni ta' data u għall-kejl tar-riskju definita skont l-Artikolu 36(2)(d) tar-Regolament Finanzjarju. Dan huwa konformi mal-Artikolu 277(6) tar-Regolament Finanzjarju.

Fir-rigward tal-ġestjoni diretta, l-Artikolu 38 tar-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li l-informazzjoni dwar ir-riċevituri ta' fondi ssir disponibbli. "Riċevituri tat-tieni livell" ma jitqisux bħala "riċevituri", skont id-definizzjoni legali pprovduta mill-Artikolu 2(59) tar-Regolament Finanzjarju. Il-Kummissjoni ma għandhiex relazzjoni kuntrattwali ma' tali "riċevituri tat-tieni livell". Il-Kummissjoni tqis li r-reġistrazzjoni ta' din l-informazzjoni fis-sistema ta' trasferiment ta' fondi żżid piż addizzjonali sinifikanti fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet tal-UE u anki tmur kontra l-aġenda ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni għal aċċess għall-finanzjament tal-UE.

Eċċezzjonijiet għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar ir-riċevituri ta' finanzjament tal-UE mogħti skont il-modi kollha ta' ġestjoni huma applikabbli f'konformità mal-Artikolu 38(3) tar-Regolament Finanzjarju.

Rakkomandazzjoni 3 – It-tiŝiħ tal-verifika tal-konformità mal-valuri tal-UE

Il-Kummissjoni għandha tesplora l-fattibbiltà tal-iżvilupp tas-sistemi attwali biex tinkludi verifika bbażata fuq ir-riskju tal-konformità tar-riċevituri (inklużi l-NGOs) mal-valuri tal-UE, sabiex ikun identifikat ksur potenzjali.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2028)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni 3.

Fil-verifiki tagħha, il-Kummissjoni tiddependi prinċipalment fuq awtodikjarazzjonijiet⁸. Il-Kummissjoni tuża kontinwament u b'mod attiv id-data u l-għodod disponibbli għad-dispożizzjoni tagħha.

Bħalissa, l-għodda għall-kejl tar-riskju għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni hija Arachne. L-enfasi tagħha mhijiex li tivverifika r-rispett tal-valuri tal-UE iżda li tappoġġa l-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u s-segwitu tal-irregolaritajiet inklużi l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u l-finanzjament doppju. Barra minn hekk, peress li l-kunċett tal-valuri tal-UE huwa wiesa', il-kwalità tad-data pprovduta lis-sistema attwali fuq bażi volontarja u l-indikaturi tar-riskju inklużi fiha ma jistgħux jintużaw biex jiġu identifikati b'mod suffiċjenti l-NGOs, u lanqas ma jistgħu jorbtuhom direttament ma' ksur potenzjali tal-valuri tal-UE.

⁸ Ara l-osservazzjoni tal-QEA fil-paragrafu 14.

Ir-Regolament Finanzjarju jipprevedi żvilupp ulterjuri ta' din l-għodda tal-IT fir-rigward tal-funzjonijiet ta' kontroll u awditjar biss⁹. Il-Kummissjoni hija lesta li tesplora l-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' aktar indikaturi tar-riskju għall-fini tat-tisħiħ tal-verifiki dwar il-konformità mal-valuri tal-UE, dment li dan jiġi kkonfermat bħala teknikament possibbli u f'konformità mar-regoli applikabbli (inkluż dwar il-protezzjoni tad-data). Peress li kwalunkwe indikatur tar-riskju jrid ikun affidabbli, oġġettiv u proporzjonat, l-affidabbiltà tas-sorsi tad-data rilevanti (jekk ikun hemm) se jkollha tiġi vvalutata, kif ukoll il-possibbiltà li tali sorsi jiġu interkonnessi ma' Arachne.

Kwalunkwe valutazzjoni tal-fattibbiltà bħal din tista' titwettaq biss wara l-valutazzjoni tal-istat ta' tnejn tal-iżvilupp ulterjuri ta' Arachne, li, kif stabbilit mir-Regolament Finanzjarju, għandha titwettaq sa tmiem l-2027.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrikjedi verifika tal-Bażi ta' Data tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) fl-istadji kollha tal-proċeduri, inkluż qabel l-iffirmar tal-kuntratt. Dan iservi biex jiġi vverifikat jekk l-applikant kienx eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni f'għestjoni diretta u indiretta wara proċedura tal-EDES jew jekk huwix immarkat bħala detezzjoni bikrija. Il-verifiki *ex post*, qabel ma jsir kwalunkwe pagament, jiġu żgurati wkoll permezz ta' twissijiet ta' mblukkar fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni marbuta mal-entitajiet esklużi. Is-sistema kontabilistika se twissi wkoll lill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni jekk tkunx għet introdotta detezzjoni bikrija fl-EDES. Għalhekk, l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni jistgħu jiġu mgħarrfa matul l-implimentazzjoni tal-kuntratt dwar kwalkunkwe miżura tal-EDES relatata mal-kontropartijiet tal-UE li magħhom għandhom relazzjoni kuntrattwali kontinwa.

Fir-rigward tal-għestjoni elettronika tal-għotjiet, li issa hija l-mod prestabbilit għall-għestjoni tal-għotjiet fil-Kummissjoni, il-bnadar relatati mal-EDES diġà huma inkorporati u awtomatizzati fis-sistema li timmaniġġja l-applikazzjonijiet għall-għotjiet – eGrants. Għaldaqstant, il-manigera ma għandhomx għalfejn jikkonsultaw il-bażi ta' data tal-EDES huma stess.

III. IT-TWEGĪBIET GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET

1. L-attivitajiet ta' promozzjoni tal-NGOs li jirċievu finanzjament taħt il-programmi tal-Unjoni

Ċerti programmi tal-Unjoni, bħall-programm LIFE, jappoġġaw, permezz ta' għotjiet operattivi (kif definit fl-Artikolu 183(2)b tar-Regolament Finanzjarju), il-funzjonament tal-korpi, inklużi l-NGOs, u l-programm ta' ħidma ġenerali tagħhom. Pereżempju, kif previst fl-Artikolu 3 tal-mudell tal-ftehim ta' għotja LIFE¹⁰, l-għotja tingħata biex tappoġġa l-programm ta' ħidma tal-attivitajiet tal-benefiċjarju u l-kostijiet operazzjonali ġenerali tiegħu għas-sena finanzjarja. Għal dan l-għan, il-NGOs jipproponu b'mod indipendenti l-programmi ta' ħidma tagħhom. Jekk NGO tirnexxi u tingħata għotja operattiva, il-programm ta' ħidma tagħha jiġi anness mal-ftehim ta' għotja. Fil-bidu tal-2024, referenzi

⁹ Ara l-premessi 29-32 u l-Artikolu 36 tar-Regolament Finanzjarju. Ara wkoll id-Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-għodda unika għall-estrazzjoni ta' data u għall-kejl tar-riskju prevista fl-Artikolu 36 tar-Regolament Finanzjarju fl-okkażjoni tal-adozzjoni tar-Regolament 2024/2509, ĠU C, C/2024/5767, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/5767/oj>.

¹⁰ Ara: [Mudell tal-Ftehim ta' Għotja LIFE għal Għotjiet Operattivi](#), jew billi tmur għall-Portal għall-Finanzjament u għall-Offerti, agħżel: *Gwida u dokumenti; Dokumenti ta' referenza* — > agħżel il-QFP u l-programm -> *Ftehimiet ta' għotja u kuntratti*.

speċifikament dettaljati għal tali attivitajiet ta' promozzjoni f'għadd ta' programmi ta' ħidma ppreżentati mill-NGOs u annessi mal-ftehimiet ta' għotja tressqu għall-attenzjoni tal-Kummissjoni. F'Mejju 2024, il-Kummissjoni ħarġet gwida interna lill-Uffiċjali Awtorizzanti kollha b'delega dwar il-finanzjament għal attivitajiet relatati mal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni, applikabbli għall-programmi kollha ta' nfiq¹¹. Din il-gwida ċċarat li l-ftehimiet ta' finanzjament li jinvolvu attivitajiet speċifikament dettaljati diretti lejn l-istituzzjonijiet tal-UE u xi wħud mir-rappreżentanti tagħhom, anki jekk legalment sodi, jistgħu jinvolvu riskju għar-reputazzjoni tal-Unjoni. Il-gwida interna għandha titqies mill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni responsabbli meta jabbozzaw dokumenti għall-proċeduri ta' għoti tal-Unjoni, meta jivvalutaw il-konformità mal-kriterji skont tali proċeduri u meta jstabbilixxu arranġamenti kuntrattwali rilevanti li jinvolvu l-finanzjament tal-Unjoni. Il-gwida tindika wkoll li l-pjanijiet ta' ħidma ppreżentati mill-applikanti għandhom jiġu vvalutati bir-reqqa biex jiġi stabbilit jekk jistgħux joħolqu riskji għar-reputazzjoni.

2. Id-divulgazzjoni tal-attivitajiet ta' promozzjoni tal-NGOs iffinanzjati permezz ta' għotjiet operattivi

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-osservazzjonijiet li saru mill-QEA rigward id-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' promozzjoni tal-NGOs iffinanzjati permezz ta' għotjiet operattivi¹². Il-Kummissjoni tixtieq tikkonferma li taderixxi strettament mal-obbligi ta' trasparenza tagħha kif deskritti fir-Regolament Finanzjarju. B'mod speċifiku, l-Artikolu 38 tiegħu jiddefinixxi r-rekwiżiti għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar ir-riċevituri, u ma jirrikjedix id-divulgazzjoni ta' attivitajiet ta' promozzjoni ffinanzjati permezz ta' ftehimiet ta' għotja. Minkejja n-nuqqas ta' rekwiżit legali biex isir dan, il-Kummissjoni madankollu tiegħu passi addizzjonali biex tippromwovi t-trasparenza billi tikkondividi b'mod proattiv l-oġettivi u l-eżiti tal-proġetti ffinanzjati fuq il-Portal tal-UE dwar il-Finanzjament u l-Offerti. Barra minn hekk, ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jirreġistraw fir-Reġistru tat-Trasparenza bħala li ma jirrappreżentawx interessi kummerċjali, li tipikament jinkludu NGOs, huma meħtieġa jirrapportaw l-attivitajiet ta' llobbjar tagħhom u jiddikjaraw is-sorsi ewlenin ta' finanzjament tagħhom kif ukoll l-ammont ta' kull kontribuzzjoni ta' aktar minn EUR 10,000 li jaqbeż l-10 % tal-baġit totali tagħhom u l-isem tal-kontributor fir-reġistrazzjonijiet tagħhom fir-Reġistru ta' Trasparenza. Il-Kummissjoni tapprezza r-rikonoxximent tal-QEA li, abbażi tal-kampjun tagħhom, ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess ġew irreġistrati b'mod korrett fir-Reġistru tat-Trasparenza¹³. Dan jirrifletti l-impenn tal-Kummissjoni għat-trasparenza, kif meħtieġ mill-qafas legali rilevanti.

3. Ir-rispett għall-valuri tal-UE u t-trasparenza pubblika

Il-Kummissjoni tinnota l-attenzjoni tal-QEA għar-rispett tal-valuri tal-UE meta tiddefinixxi t-trasparenza pubblika¹⁴. Il-Kummissjoni tfakkar fl-obbligu li "jiġu rrispettati l-valuri tal-UE" u li ma jiġux inċitati d-diskriminazzjoni, il-mibegħda jew il-vjolenza, kif issa huwa stabbilit ukoll b'mod speċifiku fl-Artikolu 138(1) tar-Regolament Finanzjarju. Dan l-artikolu jipprovdi l-aġir illegali li fir-rigward tiegħu l-Kummissjoni tista' tiegħu miżuri amministrattivi biex ttiproteġi l-baġit tal-Unjoni u

¹¹ Ara l-osservazzjoni tal-QEA fil-paragrafu 13. Ara wkoll: [Gwida tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament għal attivitajiet relatati mal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni](#).

¹² Ara l-osservazzjoni tal-QEA fil-Paragrafu 13 u l-Kaxxa 6.

¹³ Ara l-osservazzjoni tal-QEA fil-paragrafu 50.

¹⁴ Ara l-Paragrafu 2 u l-Illustrazzjoni 1.

jinkludi mhux biss ksur tal-valuri tal-UE, iżda wkoll korruzzjoni, frodi, irregolaritajiet, reati jew attivitajiet terroristiċi, eċċ. Dan ifisser li hemm rekwiżit biex wieħed jastjeni minn dan l-aġir kollu, filwaqt li miżuri komprensivi li jindirizzaw il-forom kollha ta' aġir illegali huma kruċjali għas-salvagwardja effettiva tal-baġit tal-UE. Il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar każijiet bħal dawn hija soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi u għal proċedura speċifika, kif previst fl-Artikolu 142 tar-Regolament Finanzjarju.